MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Numru. 631/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**Spettur James Grech**

**vs**

**Silvio Borg**
**Paul Cardona**
**George Psaila**
**Denis Desira**
**Wayne Desira**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Silvio Borg ta' 39 sena, iben Carmelo u Mary Assunta nee' Muscat, imwieled Pieta' fl-04 ta' Mejju 1969 u residenti no. 291 'Villa Vegas', Triq il-Pluviera, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' numru 218469(M) u l-imputat Paul Cardona ta' 31 sena, iben Emmanuele u

Maria Cristina nee' Mifsud, imwieled Attard fit-28 ta' Jannar 1977 u residenti no. 29 'Sunrise' Triq l-Gholjiet, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' numru 129577(M) u l-imputat George Psaila ta' 42 sena, iben Michael u Maria nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar is-07 ta' Frar 1966 u residenti 'Almond', Triq il-Pellegrini, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita' numru 82366(M) u l-imputat Denis Desira ta' 38 sena, iben Alfred u Mary Grace nee' Cardona, imwieled Attard nhar l-1 ta' Marzu 1970 u residenti 'Sunset', Flat no. 3, Triq il-Qalb ta' Gesu, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita' numru 111270(M) u l-imputat Wayne Desira ta' 18-il sena, iben Dennis u Simone nee' Xerri, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' Gunju 1990 u residenti 'Sunset', Flat no. 3, Triq il-Qalb ta' Gesu, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita' numru 317690(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fil-15 ta' Lulju 2008, ghal habta tal-11 ta' filghodu, fil-Belt Valletta, ffurmaw f' gemgha ta' tlett persuni jew aktar jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b' mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort' ohra, li setghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'Malta;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikulari, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar;

3. Fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu.

4. Lil Pawlu Cardona wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-vettura numru tar-registrazzjoni BBQ-401 ingombra il-passagg liberu ghal traffiku iehor jew persuni fit-triq.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Lulju 2008 (esebit *a folio 15* tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-18 ta’ Lulju 2008 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mil-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li allegatament inqala’ fil-15 ta’ Lulju 2008 ghall-habta tal-11.00am fil-Viset Terminal, il-Belt Valletta meta kien ghaddej l-istrike tat-trasport pubbliku. Mill-provi rrizulta li l-pulizija tad-distrett tal-Belt marru fl-imsemmi terminal peress li gew infurmati li kien hemm taxi privata bin-numru tar-registrazzjoni JGY 040 li kienet marret tigbor xi passiggiera minn cruise liner meta giet imwaqqfa minn gemgha ta’ nies li kienu qed jippartecipaw fl-istrike u ma thallitx titlaq minn fuq il-post. Il-Pulizija tad-Distrett tal-Belt li marru fuq il-post, lli kienu is-Supretendent Alexandra Mamo, l-Ispettur James Grech, PC 1098 u PC 1474, lkoll xehdu f’dawn il-proceduri u qalu li meta marru fuq il-post sabu din l-imsemmija vettura li kellha passiggiera riekba fuq wara qed tigi mwaqqfa mill-partecipanti fl-istrike u peress li kemm is-sewwieq ta’ din it-taxi privata, certu Charles Zahra, kif ukoll il-passiggiera dehru imbezzghin, il-Pulizija rnexxilhom idahlu t-taxi fid-dahla tat-terminal tal-katamaran u dan sar sabiex jissalvagwardjaw kemm lix-xufier kif ukoll lil passiggiera. Il-partecipanti fl-istrike li

kienu fuq il-post, li skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kienu madwar mitt ruh, kienu fit-triq u qed jiccirkondaw l-imsemmija vettura meta waslet fuq il-post vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBQ 401 tal-marka Kia Avella b'hames irgiel fiha, li kienu l-imputati odjerni, u din il-vettura waqfet mal-gemb tat-triq. Il-Pulizija jsostnu li s-Supretendent Mamo tat ordni sabiex din il-vettura issuq u titlaq minn fuq il-post izda nonostante li din l-ordni inghatat darbtejn, is-sewwieq ta' din il-vettura minflok saq 'il quddiem u baqa' sejjer irriversja skond l-istruzzjonijiet li kienu qed jigu lilu moghtija mill-partecipanti fl-istrike u waqaf sabiex il-vettura Kia Avella kienet qed tostakola it-taxi bin-numru tar-registrazzjoni JGY 040 sabiex din ma tkunx tista' tohrog mit-terminal. Hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-vettura li kienu fiha l-imputati damet fl-imsemmi post biss madwar ghaxar minuti u li l-hames imputati dejjem baqghu fil-vettura minghajr ma nizlu jew minghajr ma qalu xejn lil Pulizija. Hemm ukoll qbil li wara madwar ghaxar minuti din il-vettura Kia Avella telqet minn fuq il-post.

Ikkunsidrat:

Illi il-hames imputati lkoll gew arrestati u interrogati jumejn jew tlett ijiem wara li sehh l-imsemmi incident u lkoll irrilaxxjaw stqarrijiet (esebiti a fol. 39 sa 43 u a fol. 83 sa 91). Il-hames imputati lkoll stqarru mal-Pulizija li huma kienu ghaddejjin mill-Waterfront ghaliex riedu jmorru jieklu f'post vicin u qalu li meta waslu hdejn il-Waterfront kien hemm hafna nies fit-triq li kienu jinkludu uhud minn shabhom li kienu qed jippartecipaw fl-istrike tat-Trasport Pubbliku kif ukoll diversi membri tal-korp tal-Pulizija. Huma qalu li twaqqfu minn uhud minn shabhom li riedu jkellmuhom ghaliex hasbu li fil-vettura maghhom kien hemm xi hadd minn tal-kumitat u spjegaw li meta waqfu mal-gemb tat-triq kellhom jirriversjaw xi ftit sabiex ma jibqghux fin-nofs izda huma cahdu li ghamlu dan sabiex jostakolaw it-taxi privata. L-imputati kollha, hlief George Psaila, fil-fatt qalu li huma l-anqas biss setghu jaraw lil din il-vettura tant kien hemm nies u pulizija qed jiccirkondawha. L-istess erba' imputati qalu wkoll li huma fl-ebda hin ma semghu lis-Supretendent Mamo taghti xi

ordni sabiex huma jsuqu. Kien biss l-imputat George Psaila li fl-istqarrija tieghu qal li huwa kien ra it-taxi privata bix-xufier u l-passiggiera fiha u li huwa kien sema' lis-Supretendent Mamo taghti l-ordni sabiex huma jsuqu. Il-hames imputati lkoll ikkonfermaw li huma telqu minn fuq il-post wara madwar ghaxar minuti u procedew sabiex imorru jieklu. Huma lkoll cahdu li kienu b'xi mod ostakolaw l-imsemmija taxi privata u qalu li fl-ebda hin ma nizlu mill-vetturi taghhom. F'dawn il-proceduri kien biss l-imputat Paul Cardona, li dakinhar tal-allegat incident kien qed isuq il-vettura Kia Avella, li rrizulta li kienet propjeta' tal-imputat l-iehor Silvio Borg, li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda tinsab inserita a fol. 119 sa 122 tal-process) fejn dan qal li ma jiftakarx li waqaf jitkellem ma shabu, izda qal li waqaf minhabba il-konfuzjoni li kien hemm fit-triq li ghamlitha difficli hafna sabiex ikompli jipprocedi fit-triq u cahad li kien irriversja sabiex jostakola it-taxi u cahad ukoll li kien inghatalu xi ordni mill-pulizija sabiex jiccaqlaq.

Ikkunsidrat:

Illi fil-proceduri odjerni l-imputati lkoll jinsabu akkuzati bi tlett akkuzi, l-ewwel zewg akkuzi huma reati kontemplati taht it-titolu ta' delitti kontra l-paci pubblika fil-Kodici kriminali, u cioe' huma qed jigu akkuzati li ppartecipaw f'rewwixta u li ppartecipaw f'gemgha ta' aktar minn ghaxra min-nies migburin bil-hsieb li jaghmlu reat. Din il-Qorti wara li gharblet sew il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li bl-ebda mod ma jista' jitqies li gie pruvat li l-hames imputati odjerni ippartecipaw f'rewwixta jew f'gemgha ta' nies migbura bil-hsieb li jaghmlu reat. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-hames imputati ma nizlux mill-vettura taghhom u l-anqas b'xi mod incitaw in-nies li kien hemm barra. Huma kienu ghaddejjin minn triq pubblika riekbin fil-vettura taghhom fejn kien hemm gemgha ta' nies migbura izda minn imkien ma jirrizulta li f'xi hin huma nizlu mill-vettura u inghaqdu ma dawn in-nies li kien hemm migbura fit-triq. Irrizulta inoltre li huma telqu minn fuq il-post wara biss ftit minuti. L-imputati sejrin ghalhekk ilkoll jigu dikjarati mhux hatja tal-ewwel(1) u t-tienia(2) akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Permezz tat-tielet(3) akkuza l-imputati jinsabu akkuzati bil-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ li huma m’obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija jew altrimenti li huma fixklu lill-ufficjali tal-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom. Il-Qorti jidrilha li din l-akkuza tirrizulta pruvata biss fil-konfronti tal-imputat Paul Cardona li kien is-sewwieq tal-vettura Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni BBQ 401 f’liema vettura kienu passiggiera l-erba’ imputati l-ohra. Mill-provi rrizulta li l-ordni inghata mis-Supretendent Alexandra Mamo sabiex huma jsuqu minn fuq il-post, irrizulta wkoll li din l-ordni inghatat darbtejn izda l-vettura baqghet ma ccaqalqitx u telqet minn fuq il-post biss wara madwar ghaxar minuti. L-ewwel nett irid jinghad li din l-ordni setghat tigi segwita jew obduta biss mill-imputat Paul Cardona li kien is-sewwieq tal-vettura ghaliex l-erba’ imputati l-ohra kienu passiggiera u ghalhekk ma setghux jobdu l-ordni. Paul Cardona isostni li huwa fl-ebda hin ma sema’ dan l-ordni jinghata izda l-Qorti jidrilha li kemm mix-xhieda tas-Supretendent Alexandra Mamo, kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur James Grech u taz-zewg kuntistabbli li kienu qed jakkompanjawhom, u cioe’ PC 1098 u PC 1474, jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li dan l-ordni inghata, li dan l-ordni kien qed jirreferi ghall-vettura misjuqa minn Paul Cardona, u li dan l-ordni seta’ jinstema’ kjarament. Fil-fatt anki l-imputat George Psaila fl-istqarrija minnu rilaxxjata ikkonferma li huwa li kien passiggier fuq wara fil-vettura misjuqa minn Paul Cardona kien sema’ dan l-ordni.

Ikkunsidrat :

L-imputat Paul Cardona wahdu jinsab ukoll akkuzat li bil-vettura BBQ 401 ostakola l-passagg liberu ghat-traffiku iehor jew persuni fit-triq. Il-Qorti jidrilha li l-anqas din l-akkuza ma tista’ tiqies li giet pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li mill-provi rrizulta li fit-triq dak il-hin kien hemm gemgha ta’ nies li lkoll kienu qed jostakolaw it-traffiku u li t-taxi privata fil-fatt kienet cirkondata minn dawn in-nies li kienu qed jippartecipaw fl-istrike. Ghalhekk ma jistghax jinghad b’certezza li fil-fatt

kienet il-vettura misjuqa mill-imputat Paul Cardona li kienet qed tostakola l-imsemmija taxi privata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lil-imputat Paul Cardona hati tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ammenda ta’ sitta u hamsin Ewro (€56). Il-Qorti tiddikjarah mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputati Silvio Borg, George Psaila, Denis Desira u Wayne Desira mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------